MALTA

# QORTI CIVILI, PRIM AWLA
# MALTA

**ONOR. IMHALLEF**
**MICALLEF JOSEPH R.**

Seduta ta' 28 ta' Ottubru, 2002

Citazzjoni Numru. 363/2001/1

**PAUL ŻAMMIT LIMITED**

**vs**

**Michelle PARNIS u b'Degriet tal-25 ta' Settembru, 2001, l-istess Michelina k/a Michelle Parnis inħatret Kuratur Deputat sabiex tirrappreżenta lill-minuri Owen Parnis bħala eredi tal-mejjet Martin Parnis**

**Il-Qorti:**

Rat l-Att taċ-Ċitazzjoni mressaq fil-5 ta' Marzu, 2001, li bih il-kumpannija attriċi ipprermettiet:

Illi l-konvenuti huma debituri a favur tal-attur fis-somma ta' erbgħa u għoxrin elf sitt mija u sittax-il lira maltin u wieħed u ħamsin ċentezmu (Lm24616.51) rappreżentanti merkanzija kkonsenjata lill-konvenuti mill-attur;

Illi l-konvenuti baqgħu jirrifjutaw li jħallsu l-istess ammont nonostante li kienu sarulu diversi interpellanzi;

Illi l-konvenuti ammettew illi għandhom iħallsu dan l-ammont pero' iddikjaraw illi ma hemmx fondi minn fejn iħallsu;

Għalhekk is-soċjeta' attriċi talbet lil din l-Onorabbli Qorti għaliex m'għandhiex:

1. Tiddikjara li l-konvenuti huma responsabbli għall-ħlas ta' erbgħa u għoxrin elf sitt mija sittax-il lira maltin u wieħed u ħamsin ċentezmu (Lm24616.51) rappreżentanti merkanzija kkonsenjata lill-konvenuti mill-attur;

2. Tikkundanna lill-konvenuti jħallsu l-ammont ta' erbgħa u għoxrin elf sitt mija u sittax-il lira maltin u wieħed u ħamsin ċentezmu (Lm24616.51c) rappreżentanti merkanzija konsenjata lill-konvenuti mill-attur;

Bl-ispejjeż inkluz dawk tal-ittri interpellatorji kontra l-istess konvenuti li minn issa huma nġunti personalment sabiex jidhru għas-subizzjoni;

Rat id-Dikjarazzjonji maħlufa u n-Nota tax-Xiehda tal-kumpannija attriċi;

Rat illi l-imħarrka Michelle Parnis f'isimha proprju u wkoll *nomine* notifikata kif imiss b'kopja tal-att taċ-Ċitazzjoni u bl-Avviż tas-Smigħ fid-19 ta' Frar, 2002[1], bil-mezz tal-affissjoni, u fis-26 ta' Frar, 2002[2], bil-mezz tal-pubblikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern, u fit-28 ta' Mejju, 2002[3], bil-pubblikazzjoni f'ġurnal lokali, naqset li tressaq Nota tal-Eċċezzjonijiet fiż-żmien mogħti lilha mil-liġi, u naqset ukoll li tidher jew li tkun rappreżentata kull meta ssejħet il-kawża, u b'hekk baqgħet kontumaċi. Għandu jingħad ukoll li jidher li l-imħarrka kienet diġa' laqgħet kopja tal-att taċ-ċitazzjoni meta nbdew il-proċeduri għall-ħatra ta' kuratur deputat għall-minuri[4], u kif ukoll minnha

---

[1] Pa[. 25 *tergo* tal-pro`ess
[2] Pa[. 27 tal-pro`ess
[3] Pa[. 31 tal-pro`ess
[4] Ara riferta f'pa[. 11 *tergo* tal-pro`ess

stess imsemmi fin-Nota tagħha tal-20 ta' Settembru, 2001[5], li biha aċċettat l-atti tal-bandu relattiv;

Semgħet ix-xhieda tal-kumpannija attriċi;

Semgħet it-trattazzjoni tal-avukat tal-kumpannija attriċi;

Rat l-atti kollha tal-kawża, inkluża n-Nota mressqa mill-kumpannija attriċi fl-24 t'Ottubru, 2002, bid-dokumenti mehmużin magħha;

Rat id-Degriet tagħha tat-22 t'Ottubru, 2002, li bih ħalliet il-kawża għal-lum għas-sentenza;

***Ikkunsidrat:***

Illi din hija azzjoni għall-ħlas ta' għadd ta' konsenji ta' frott mibjugħa lil żewġ l-imħarrka, Martin Parnis, li madankollu, miet f'xi żmien qabel ma nbdiet il-kawża;

Illi, kif ingħad, l-imħarrka ma ressqet l-ebda kontestazzjoni għat-talba. Minkejja l-kontumaċja tagħha, il-Qorti trid tqis sewwa jekk il-pretensjoni tal-kumpannija attriċi hijiex mistħoqqa qabel ma tgħaddi biex tipprovdi dwar it-talba;

Illi mill-provi mressqa, jirriżulta[6] li l-kumpannija attriċi tmexxi n-negozju ta' importazzjoni u bejgħ f'Malta ta' ħxejjex u frottijiet. Żewġ l-imħarrka kien ibiegħ il-frott u l-ħaxix minn vann fit-triq f'San Ġwann. Il-konsenji kienu jsiru b'mod regolari u b'ċerta konsistenza lilu minn impjegati tal-kumpannija attriċi fil-post minn fejn hu kien jarma biex ibiegħ;

Illi l-imsemmi Martin Parnis beda jaqa' lura fil-ħlas u dan wassal lill-kumpannija attriċi biex tieħu ħsieb li dan l-ammont jinġabar filwaqt li, fl-istess ħin, torbtu bi stqarrija dwar l-ammont li kellu jħallas. Mill-provi mressqa jidher li

---

[5] Pa[. 13 tal-pro`ess
[6] Ara x-xhieda ta' Joseph |ammit tat-22.10.2002, f'pa[[. 33-4 tal-pro`ess

dan l-eżerċizzju sar iżjed minn darba waħda[7]. Il-Qorti setgħet tara wkoll li, f'dawk l-istqarrijiet miktuba hemm tismija tal-fatturi li dwarhom Parnis kien waqa' lura fil-ħlas. F'waħda minnhom hemm saħansitra l-firma tal-imħarrka Michelle Parnis;

Illi l-Qorti fliet il-fatturi kollha li tressqu mill-kumpannija attriċi, biex isaħħu t-talba tagħha, u sabet li dawn jikkorrispondu tista' tgħid ma' dawk imsemmijin fil-kitbiet li għadhom kemm issemmew. Biex wieħed jifhem sewwa kif inbena l-ammont li l-kumpannija attriċi qegħda titlob f'din il-kawża, jagħmel sewwa jara l-i*statement* li jġib id-data tat-18 ta' Frar, 2000[8], għaliex dan fih elenku tal-fatturi li kienu għadhompendenti bejn Ġunju tal-1998 sa Novembru tal-1999, meta jidher li twaqqfu l-forrnituri lil Parnis. Minn dan id-dokument, jirriżulta wkoll li Parnis ħallas l-aħħar ammont akkont fit-23 ta' Novembru, 1999. Is-sistema wżata kienet tixbah lil dik ta' kont kurrenti;

Illi t-tajjeb tal-i*statement* jikkonsisti fil-fatt li jaġġorna dawk il-fatturi dwar konsenji li saru wara li kienu ġew iffirmati l-kitbiet ta' għarfien tad-dejn min-naħa tal-miżżewġin Parnis fl-1998. Kemm hu hekk, filwaqt li l-fatturi li jissemmew f'dik l-istqarrija tressqu fl-atti ta' din il-kawża bħala fotokopji[9] u jintgħarfu minn hekk, dwar il-konsenji li seħħew wara Novembru tal-1998, il-kopji huma meħuda mill-kotba tan-negozju (kopji mill-kotba tal-fatturi/*delivery notes*) tal-kumpannija attriċi[10] li kull waħda minnhom issemmi lil żewġ il-konvenuta;

Illi dwar dawn ukoll, il-Qorti għamlet l-aċċertamenti u ssib li m'hemm xejn x'juri li dawn id-dokumenti ma jurux stampa veritiera ta' dak li tippretendi l-kumpannija attriċi;

Illi fl-aħħarnett il-Qorti tqis li d-dejn li kellu jagħti Martin Parnis lill-kumpannija attriċi jgħabbi lil martu wkoll, ukoll jekk imqar minħabba l-fatt li hija kienet iffirmat miegħu l-istqarrija tad-dejn tal-25 ta' Novembru, 1998. Lill-minuri, it-

[7] Ara l-kitbiet f'pa[[. 215-6 tal-pro`ess
[8] Pa[[. 208 sa 214 tal-pro`ess
[9] Pa[[. 76 sa 129 tal-pro`ess
[10] Pa[[. 36 sa 75 u 130 sa 207 tal-pro`ess

talba attriċi tolqtu wkoll fil-kwalita' tiegħu ta' werriet ta' missieru, Martin Parnis;

Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qegħda tiddeċiedi billi,fil-kontumaċja tal-imħarrka *proprio et nomine*:

**Tilqa' l-ewwel talba attriċi** u tiddikjaraha, fil-kwalita' tagħha premessa, debitriċi tal-istess kumpannija attriċi fl-ammont ta' erbgħa u għoxrin elf sitt mija u sittax-il lira Maltija u wieħed u ħamsin ċenteżmu (Lm 24,616.51), rappreżentanti l-bilanċ ta' prezz ta' merkanzija mibjugħa u konsenjata;

**Tilqa' t-tieni talba attriċi**, u tikkundanna lill-imħarrka *proprio et nomine* tħallas lill-kumpannija attriċI s-somma ta' erbgħa u għoxrin elf sitt mija u sittax-il lira Maltija u wieħed u ħamsin ċenteżmu kif fuq imsemmi; u

**Tikkundanna** lill-imħarrka *proprio et nomine* tħallas ukoll l-ispejjeż tal-kawża.

**Moqrija**

**ONOR. JOSEPH R. MICALLEF LL.D.,**
**28 t'Ottubru, 2002**

**Charles Falzon,**
**Deputat Reġistratur,**
**28 t'Ottubru, 2002**